152

Fenech & Fenech
ADVOCATES

15 ta' April 2019

Lil Appeal's Board of the Planning Authority
St.Francis Ravelin
Il-Furjana FRN 1230.

ENVIRONMENT AND PLANNING REVIEW TRIBUNAL
RECEIVED
18 APR 2019
FLORIANA

Sinjur,

**RE: PA 09857/18**

Qed niktiblek ghan-nom ta' **Peter u Angele Grech** ta' Shekinah, Triq M'Angelo Caggiano, San Giljan, **Antoinette Bilocca** ta' 32 Triq il-Mazzola, Qawra, **Joseph Norman u Louise Farrugia** ta' 35 Triq il-Mediterran, Pembroke u **Carmela sive Lina Sant** ta' 15, Panoramic, Vjal il-Qalbiena Mostin, Mosta, proprjetarji rispettivi ta' Flats 1,2,3 u 4 f'Galea Flats, Triq il-Ponta, Zebbug, Ghawdex u jaghmlu riferenza ghad-decizjoni tal-Planning Authority in konnessjoni mal-applikazzjoni surriferita li giet deciza fis-26 ta' Marzu 2019.

Illi l-mittenti jridu jappellaw minn din id-decizjoni stante li ppruvaw, skond huma, d-drittijiet li huma ghandhom naxxenti mill-kuntratt tal-akkwist taghhom u cioe li huma ghandhom id-dritt li juzaw il-bejt ghall-inxir kif ukoll ghas-'sunbathing' u wkoll ghall-uzu normali kif stipulat fl-istess kuntratti tal-akkwist taghhom li intom ghandkom fl-ispoll tal-applikazzjoni odjerna.

Illi minkejja dan, l-Awtorita' tal-Ippjanar ma tatx kaz tal-lanjanza taghhom u cahdet it-talba taghhom biex dan il-permess ma jinharigx lil Joseph Attard li kien talab biex jibni penthouse fuq l-arja tal-blokk imsemmi stante li huma ghandhom id-dritt ghall-uzu tal-oghla bejt fil-korp ta' bini sia ghall-inxir ta' hwejjeg, sunbathing u tqeghid ta' tankijiet ta' ilma u TV aerials u dan ai termini ta' klawzola (5) tal-kuntratti ta' akkwist.

Illi bil-bini tal-imsemmija penthouse huma mhux ser ikollhom l-arja tal-bejt kollha kif ghandhom illum u din ser tonqsilhom stante li huwa jrid jirretrocedi ghal dan it-tali bini u minflok tarag li jitla' sa l-oghla bejt, huwa talab li l-access ikun tramite skalapiza u li l-uzu tal-bejt taghhom jiccekken kontra l-ftehim kuntrattwali li huma kellhom mal-kuntrattur li bena l-blokka in kwistjoni u li bieghilhom l-appartamenti fl-istess blokka.

Barra minn hekk ai termini tal-Condominium Act, min ghandu l-uzu tal-bejt komuni huwa ma jistax jibni fuq l-arja ta' dan it-tali bejt u jaghmel uzu mill-katusi komuni kif ukoll mis-servizzi li jghaddu in komun bejn is-sidien.

Illi l-intimat diga' ttenta johrog permess iehor numru 01254/05 fuq l-istess binja pero' gie rrifjutat wara li l-klienti tieghi b'ittra tal-1ta' Gunju 2005 oggezzjonaw ghal hrug ta' tali permess u li kopja ta' din l-ittra qed tigi hawn annessa.

Ghaldaqstant il-mittenti jitolbuk biex waqt id-diskussjoni tal-Bord ta' l-Appelli inti tinforma lill-mittenti kollha fl-indirizzi taghhom hawn fuq riferiti sabiex ikunu prezenti ghat-trattazzjoni tal-appell odjern ta' din l-applikazzjoni ghall-hrug ta' dan il-permess bid-data u l-hin meta ser jigi hekk diskuss biex huma jaghmlu l-oggezzjonijiet taghhom ghal hrug ta' dan il-permess u biex ukoll ikunu jistghu jattendu ghal tali smigh.

Nistenna minghandek urgenti.

Tislijiet.

Av.Edward DeBono.